MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Numru. 58/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Emanuel Cilia**

Kaz Numru: 58/2012

Illum 25 ta’ Gunju, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emanuel Cilia**, ta’ sebgha u tletin (37) sena, bin Emanuel u Georgina neé Cutajar, imwieled Pietà, nhar il-21 ta’ Marzu 1974, residenti fil-fond ‘Emerald’, Triq Wied Rihan, Nadur, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru

186174(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl bejn il-25 u s-26 ta' Dicembru, 2011 u xhur ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti, gewwa lokalitajiet f'Ghawdex u f'lokalitajiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
a) talli gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Frances Portelli (I.D. No. 47264G) b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-istess Frances Portelli (I.D. No. 47264G), u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) ukoll talli bl-imgieba tieghu kkaguna biza' li sejra tintuza vjolenza fil-konfront tal-persuna ta' Frances Portelli (I.D. No. 47264G) jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) talli wkoll fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Dicembru 2011, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija minn superjur tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Frances Portelli u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli

412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Rat l-Artikoli ndikati fl-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li filwaqt li l-imputat huwa Surgent fil-Korp tal-Pulizija li ilu sospiz mis-27 ta' Dicembru 2011 (*a fol.* 55), il-kwerelanta Frances Portelli hija kuntistabbli fl-istess Korp tal-Pulizija. Kien hemm xi zmien fejn Portelli kienet fl-istess *shift* mal-imputat u li in segwitu ta' xi bdil fis-*shifts* Portelli ma baqghetx aktar fis-*shift* tal-imputat. Jirrizulta wkoll li l-imputat kellu xi problemi ta' sahha mentali minhabba liema iffissa fuq il-kwerelanta Portelli kif ser jigi spjegat aktar il-quddiem. L-imputat kien gie ordnat ukoll mis-Superjuri tieghu sabiex ma jkellimx lil Portelli.

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat b'diversi imputazzjonijiet li ser jigu trattati b'mod kronoligiku wahda wahda kif jirrizultaw mill-akkuzi mahruga fil-konfront tieghu.

<u>**L-Ewwel (1) Imputazzjoni: fastidju**</u>

Illi riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**:

"Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:

"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *"Words, conduct or action*

*(usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose”*, dan l-element ta’ ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat *“in isolation”* b’riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07]:- *“...f’kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta’ fastidju fuq perjodu ta’ zmien”*.

[...]

Illi r-reat tal-“fastidju” (fit-test Ingliz ‘harassment’) gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta’ persuna li ggib ruhha b’mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b’mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba’ imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b’mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta’ persuna ohra jekk fil-qies ta’ persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b’reat taht dan l-artikolu tista’ ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata’ (‘alarming’) jew idejjaq (‘causing...distress’) lill-persuna.

[...]

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata’ jew idejjaq lill-persuna. (‘alarming the person or causing the person distress” fit-test Ingliz),

il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew ‘harassment’. Issa filwaqt li n-nuqqas ta’ definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta’ diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista’ mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta’ dawn it-tip ta’ reati li ta’ sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati”.

Din il-Qorti zzid dan li gej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: ‘A person must not pursue a course of conduct’ li fil-ligi taghna hekk: ‘Persuna li ggib ruhha’.

Skont l-Archbold: ’Two incidents can constitute a ’course of conduct’ but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as ‘a course of conduct’. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.

Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness;

and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan".

Illi mill-provi akkwizti jirrizultaw, fost l-ohrajn, is-segwenti:

- in-numru ta' telefonati li l-imputat kien qed jaghmel lill-kwerelanta, liema telefonati jirrizulta li kienu bla waqfien tant li l-kwerelanta kellha tbiddel in-numru tal-*mobile* taghha u anke tad-dar;

- il-kwerelanta tghid li l-imputat kienet johnoqha u tispjega wkoll li kienet spiccat tiehu *sick leave "ghax kien ikolli panic attack u ma kontx f'kundizzjoni, gieli ma kontx inkun f'kundizzjoni li mmur ghax-xoghol"* (*a fol.* 59);

- l-imputat kien isegwi l-passi tal-kwerelanta tant li, fost l-ohrajn, fil-25 ta' Dicembru 2011 minkejja li l-imputat ma kienx xoghol, huwa mar l-Ghassa fejn kien qed jinzamm *party* zghir u l-imputat mar fejn il-kwerelanta u pprova jkellimha minkejja li ma tatux wicc;

- fl-istqarrija tal-imputat (Dok. "FT 1" – *a fol. 86 et seq.*) jirrizulta hekk:

M. *"Ara jekk int gejt mwissi sabiex ma tkelliemx lil Francis ghal liema raguni bqajt tkelliemha u tigri warajha?"*.
R. *"Jien ma kontx qieghed nigri warajha"*.
M. *"Mela jekk int ma kontx qieghed tigri warajha ghal liema raguni mort l-Ghassa tax-Xaghra fil-lejl ta' bejn id-09 ta' Dicembru?"*.
R. *"Biex nkelliemha!"*.

- Da parte tieghu, il-Psikjatra Dottor David Cassar xehed hekk: *"Emanuel, Noel Cilia, baqa' jiffissa fuq din il-persuna [Portelli], jmur warajha, ifittixha, ifittex il-passi taghha, jipprova jaghmel kuntatt maghha, u kien hemm zmien, kif qed nifhem is-sitwazzjoni jien, il-Pulizija stess hadu passi minhabba l-affarijiet kienu eskalaw"* (*a fol.* 31);

- Il-medjatur Benny Mercieca, li intervjena minhabba l-istat tar-relazzjoni li kien hemm bejn l-imputat u l-mara tieghu, da parte tieghu jghid: *"It-telefonati [lil Portelli] hu baqa' jaghmilhom. Kont nghidlu jiena stess sabiex dawn inaqqashom, kemm jista' jkun ma jcempilx pero ma kienx jista', kien jghidli, "Skuzani, Ben, ikun irrid, naf il-kliem li ghidtli, imma jiena ma niflahx"* (*a fol.* 74). Jghid hekk ukoll: *"F'Ottubru mbaghad kienet iccempilli, cemplitli darba, kien mar, tela' fuq ix-xoghol u hi [Portelli] ppanikjat – hi kienet qieghda tippanikja hafna – ippanikjat, ghax jiena kont tajtha ordni stress, "please", anzi mbaghad kont wasalt f'punt illi jiena ghall-gid taghha u ghall-gid tieghu illi tbiddel in-numri tat-telephones u tbiddel il-mobiles u tbiddel kollox biex assolutament – hu din hadha minn anglu iehor. [...S]ahansitra kien imur id-dar taghha, idoqqilha l-horn, hi ma twegbux, biex ikun jaf – "imma ghaliex m'intix tkellimni?!""* (*a fol.* 75).

Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna sabiex jissussti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed. Minn dak li jirrizulta fl-atti processwali u minn dak li nghad hawn fuq m'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u b'hekk l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni: biza' li ser tintuza vjolenza</u>**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

"Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda.

Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Prosekuzzjoni tikkontendi li din l-imputazzjoni giet pruvata *stante* li, fost l-ohrajn, il-kwerelanta Portelli spiccat toqghod ghal kull haga li kien jghidilha l-imputat u li jikkmandaha taghmel. Il-Prosekuzzjoni taghmel riferenza ghall-fatt li l-imputata kienet toqghod fil-vettura taghha fejn suppost hi kienet toqghod gol-Ghassa u dana peress illi kienet tkun mwerwra mill-imputat li ha jmur fuq il-post u setgha jigri xi haga u jinqala' xi argument. L-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B((1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li ma giex pruvat li effettivament l-imputat kien b'xi mod ikkaguna biza' fuq il-persuna ta' Frances Portelli li kienet ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta' taghha jew xi hadd mid-dixxendenti taghha. Ma giex pruvat li bl-agir tieghu l-imputat effettivament kkaguna biza' li kienet ser tintuza vjolenza. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jigi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjonijiet</u>:**

Illi ghandu jinghad li dawn iz-zewg imputazzjonijiet jistghu jigu kunsidrati bhala komprizi u nvoluti flimkien. Jirrizulta li l-iSpettur Frank Tabone kien ta ordni lill-imputat biex ma jersaqx lejn l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex meta Frances Portelli tkun xoghol u biex lanqas jaghmel kuntatt maghha u minkejja din l-ordni ghal tal-anqas f'okkazjoni wahda, cioé bejn il-lejl tal-25 u s-26 ta' Dicembru 2011, l-imputat mar l-Ghassa, kif konfermat minn PS 342 Johann Said u PC 330 Emanuel Schembri, u li sahansitra PC 330 xehed li l-imputat mar pogga bilqieghda fejn kienet bil-qieghda Frances Portelli u mbaghad nqala' dak li nqala. Ghaldaqstant, it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet

migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>:**
Illi dwar din l-imputazzjoni, il-ksur tal-paci pubblika, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Prova ta' dan m'hemmx u għalhekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>:**
Illi, fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, il-Prosekuzzjoni esebiet affidavit ta' WPC 51 Louise Grech, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "BS 2", minn liema jirrizulta li l-imputat gie ingaggat fil-Korp tal-Pulizija fit-28 ta' Gunju 1994 u li fis-27 ta' Dicembru 2011 gie sospiz. M'hemmx dubju li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi, minn dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew pruvati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: (a) in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, (b) dak li xehdu l-Psikjatra Dottor David Cassar u l-medjatur Benny Mercieca, b'mod partikolari dak li xehed Dr. Cassar fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 fejn qal li l-fissazzjoni tal-imputat jidher li m'ghadhiex hemm (*a fol.* 122) u (c) il-fatt li Frances Portelli ddikjarat li kienet qed tahfer lill-imputat (*a fol.* 47). Il-Qorti mhijiex tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva jew wahda ta' prigunerija sospiza u thoss li jkun utili li l-imputat ikompli mixi fit-triq it-tajba li qabad u jaghraf is-sabih tal-hajja u jaghraf ukoll li huwa m'ghandux ghalfejn ikellem lil Frances Portelli biex ikun kuntent u seren jew trankwill

pero ghandu jaghraf li ghandu l-familjari tieghu, fosthom martu, li jaghtuh sostenn!

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) u mill-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 18, 141, 251A(1) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba’ (4) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Emanuel Cilia taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ sentejn (2) mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Emanuel Cilia bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Emanuel Cilia.

*In oltre*, b’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Protezzjoni skond id-digriet hawn anness.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------